# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2019.**

**Numru 7**

**Rikors numru 3/11 MCH**

**Benny Borġ Bonello fil-kwalità tiegħu ta' President tal-*Għaqda tal-Konsumaturi***

**v.**

**Awtorita` ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur u d-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell imressaq mid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) minn sentenza mogħtija mit-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur fis-26 ta' Frar, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dak it-Tribunal (a) laqa' r-raba' eċċezzjoni tal-Awtorità u tad-Direttur

intimati fis-sens li ħeles lill-istess Awtorità mill-ħarsien tal-ġudizzju, u (b) laqa' t-talbiet tal-President tal-*Għaqda tal-Konsumaturi* (ħlief għall-ewwel talba, li kienet irtirata waqt l-ewwel smigħ), u ħassret id-deċiżjoni meħuda mid-Direttur intimat fid-19 ta' Awwissu, 2011, u ordnalu jqis il-każ imressaq quddiemu mill-*Għaqda tal-Konsumaturi*, jistħarreġ l-ilmenti mressqin mill-istess *Għaqda*, jirrevedi s-suq relevanti u l-attivitajiet kummerċjali li għandhom x'jaqsmu mal-provvista ta' servizz tat-trasport pubbliku u jiġbor tagħrif u provi biex ikun f'qagħda jaċċerta jekk kemm-il darba s-swieq u attivitajiet relatati f'dan il-qasam laqtux b'mod ħażin l-interessi tal-konsumatur għall-finijiet tal-Kapitolu 510 tal-Liġijiet ta' Malta, u ordnalu wkoll jistħarreġ il-prezzijiet li l-konsumaturi Maltin u Għawdxin qegħdin jintalbu jħallsu biex jipparkjaw il-vetturi tagħhom fil-parkeġġi tal-kumpannija *Arriva* u f'dak tas-soċjetà MCP Company Limited (C – 13656) u jekk humiex ġusti, u jekk ikun meħtieġ tintalab il-kollaborazzjoni tal-istess Direttur fi ħdan l-Awtorità għall-finijiet tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 510 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Biex it-Tribunal wasal għal dik id-deċiżjoni, ikkunsidra kif ser jingħad:

> "*Illi Benny Borg Bonello, fil-kwalità tieghu ta' President tal-Ghaqda tal-Konsumaturi, baghat ittra lis-Sur Godwin Mangion bhala Direttur Generali Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur ('DG Affarijiet tal-Konsumatur') datata l-20 ta' Lulju 2011 (a fol. 35) biex ai termini tal-Att dwar l-Affariiet tal-Konsumatur (Kap. 378), b'mod partikolari Artikoli 12A u 14B, iressaq ghall-konjizzjoni tieghu u eventwali investigazzjoni lment a nom ta' numru kbir ta' konsumaturi Maltin u Ghawdxin rigward l-agir*

*tas-socjetà Arriva Malta Limited (C48875) ('Arriva') fil-provvista tas-servizz tat-trasport pubbliku ghall-konsumatur, senjatament li:*

*1. Is-servizz tas-socjetà Arriva kien ferm il-boghod milli mwieghed;*

*2. Spicca l-access b'xejn ghall-konsumaturi ghal madwar 1000 parkegg fil-Park and Ride tal-Furjana;*

*3. Is-socjetà Arriva donnha wettqet prattika kummercjali zlejali skond l-Artikolu 51 (C) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) wara li naqset li tinforma lill-konsumaturi bil-kundizzjonijiet tal-garr fir-rigward tan-nollijiet u l-biljetti;*

*4. Is-socjetà Arriva tgawdi minn operat ekonomiku qawwi fis-suq rilevanti li minhabba fih il-konsumatur ftit li xejn jista' jgawdi minn Kompetizzjoni.*

*"Ghaldaqstant, l-ghaqda talbet lid-DG Affarijiet tal-Konsumatur sabiex ai termini tal-artikolu 14B tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510) jinhargu mizuri intermedjarji sabiex sal-ahhar ta' Lulju 2011 is-socjetà Arriva toffri servizz tat-trasport pubbliku skond kif hija wieghdet, u sabiex ai termini ta' l-artikoli 51B, 51C u 51D tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), id-DG Affarijiet tal-Konsumatur jiddetermina kienux twettqu prattici kummercjali zlejali fil-konfront tal-konsumaturi u l-perjodu rilevanti, u jekk iva, kif l-Ufficcju jiddetermina l-perjodu jittiehdu passi skont kif stipulat fl-Att, partikolarment skont l-artikolu 51F, u sabiex, kif stipulat f'Kapitlu 510 artikolu 17 (1)(i), jirrevedi s-suq rilevanti biex jiddetermina jekk dawn is-swieq u attivitajiet humiex jaffettwaw b'mod hazin l-interessi tal-konsumatur. L-Ghaqda talbet ukoll li, kif provdut f'artikolu 14 (2) Kapitolu 510, id-DG Affarijiet tal-Konsumatur jitlob il-kollaborazzjoni tad-DG Kompetizzjoni biex jigi ezaminat is-suq rilevanti u l-prezzijiet li qed jithallsu ghall-parkegg.*

*"Illi permezz ta' ittra datata 19 ta' Awissu 2011 (Dok. D a fol. 39), id-DG Affarijiet tal-Konsumatur bi twegiba ghall-ilment imsemmi, informa lill-Ghaqda li kienu relevanti l-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta (TM) (Kap. 499) u r-Regolamenti dwar is-Servizz ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56). Qal ukoll li bhala rizultat tal-ilment kienet inzammet laqgha mat-TM li indikat li oltre l-ligi kien hemm ukoll relazzjoni kuntrattwali bejn it-TM u l-Arriva u li certi nuqqasijiet gia kienu qed jigu ndirizzati. Id-DG (Affarijiet tal-Konsumatur) qal ukoll li t-TM qalet li ma kienet irceviet l-ebda ittra ta' ilment minghand l-Ghaqda.*

*"TM qalet li l-Ghaqda ma kitbitx lilha bl-ilmenti, pero l-Ghaqda esebiet kopja ta' email u ittra annessa datata l-20 ta' Lulju 2011 indirizzata lic-Chairperson tat-TM bl-ilmenti taghha (Dok. AG1 u AG2 a fol. 177 sa 180 tal-process).*

*"Illi l-Awtorità qalet li ltaqghet kemm mat-TM u sussegwentement anki mal-Arriva biex dawn jiehdu konjizzjoni tal-ilmenti tal-Ghaqda u fl-istess hin jippruvaw jindirizzawhom. Fl-10 ta' Awwissu 2011 inzammet il-laqgha bejn l-Awtorità u TM fejn jirrizulta li skont TM l-Awtorità ma kellhiex x'taqsam mal-kwistjoni. Fil-laqgha mal-Arriva nhar is-26 ta' Awwissu 2011 gie rilevat li TM kienet qed tiehu l-inizzjattivi kollha skont il-poteri taghha bhala regolatur biex l-ilmenti kollha jigu indirizzati. Fir-rigward tal-multa ta' 10 ewro lill-passiggieri b'biljett skadut, l-Arriva qalet li kellha stickers lesti biex tpoggihom fuq il-karozzi tal-linja.*

*"Illi fl-1 ta' Settembru 2011 gie intavolat l-appell odjern da parte tal-Ghaqda. L-Awtorità u d-DG Affarijiet tal-Konsumatur wiegbu ghall-istess nhar is-17 ta' Novembru 2011 u in succint eccepew:*

*"1. Li l-appell hu irritu u null in kwantu ma fiehx it-talba ghat-thassir jew tibdil ta' decizjoni jew xi parti minnha;*

*"2. Li l-appellant ma specifikax l-aggravji u r-ragunijiet tal-appell b'mod dettaljat;*

*"3. Li t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni li jisma' l-appell in kwantu l-kaz jirrelata mat-trasport pubbliku;*

*"4. Li t-Tribunal m'ghandux kompetenza fir-rigward tal-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur;*

*"5. Li l-appellant m'ghandux interess guridiku in kwantu l-ilmenti jirrigwardaw il-kompetenza esklussiva ta' TM;*

*"6. Li l-Awtorità u d-DG Affarijiet tal-Konsumatur m'humiex il-legittimi kuntradittturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzjoni peress li l-kwistjoni taqa' taht il-kompetenza esklussiva ta' TM u d-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur mhumiex applikabbli ghall-kaz in ezami;*

*"7. Li d-DG Affarijiet tal-Konsumatur ma giex citat korrettement;*

*"8. Li l-appell hu intempestiv in kwantu l-originali tal-allegat ilment u d-dokumenti annessi qatt ma waslu ghand l-Awtorità u d-DG Affarijiet tal-Konsumatur;*

*"9. Li t-talbiet kontenuti fl-ilment tal-Ghaqda tal-20 ta' Lulju 2011 huma intempestivi in kwantu li l-mizuri intermedjarji pretizi mill-appellant ma setghux jigu istitwiti fid-dawl tal-prezenza kemm ta' legislazzjoni specifika settorali u regolatur specifiku, u li biex jittiehdu mizuri intermedjarji irid ikum hemm bazi ta' sejbiet prima facie ta' ksur tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jew ta' kull regolament maghmul tahtu;*

*"10. Li l-allegat ilment ghandu jigi analizzat esklussivament fid-dawl u fl-ambitu tal-Att dwar l-Awtorità tat-Trasport bhala l-ligi specifika u*

*settorali ossia lex specialis li ghandha dejjem u f'kull cirkostanza tipprevali fuq kwalunkwe ligi ohra;*

*"11. Li t-talbiet tal-appellant ghandhom jigu indirizzati esklussivament fil-konfront ta' TM f'sede ohra u mhux quddiem dan it-Tribunal;*

*"12. Li anke jekk wiehed kellu jikkunsidra li kien hemm lok biex l-ilmenti tal-appellant jigu analizzati fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur xorta wahda ma jirrizultax li kien hemm elementi fl-agir tal-operaturi msemmija mill-appellanti li jikkostitwixxu prattici kummercjali mhux gusti u ta' natura qarrieqa.*

*"Illi fit-30 ta' Novembru 2011 l-Ghaqda irtirat l-ewwel talba taghha peress illi sal-gurnata li dan il-kaz gie appuntat sabiex jigi mismugh inbidlu c-cirkostanzi.*

*"Illi nhar it-23 ta' Dicembru 2011 l-Ghaqda ipprezentat nota li permezz taghha iddikjarat li dak mitlub mit-Tribunal permezz tal-appell taghha hu t-thassir tad-decizjoni tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur bl-ittra tad-19 ta' Awwissu 2011. L-Ghaqda talbet ukoll lit-Tribunal jiddikjara li, ai termini tal-Artikolu 110D(1) tal-Kapitolu 378:*

> *"i) L-Awtorita, tramite l-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, hija l-Awtorità kompetenti biex tinvestiga lmenti li jirrigwardjaw prattici kummercjali mhux gusti u dan ai termini ta' Taqsima VIII Artikoli 51B, 51C u 51D tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378);*
>
> *"ii) L-Awtorità, tramite l-Ufficcju, ai termini ta' Artikolu 17 (1) (i) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510), kellha l-obbligu li tirrevedi s-suq rilevanti u l-attivitajiet kummercjali li ghandhom x'jaqsmu mal-provvista ta' servizz tat-trasport pubbliku u li tigbor informazzjoni u provi sabiex tkun tista' taccerta jekk dawk is-swieq u attivitajiet relatati f'dan il-qasam laqtux b'mod hazin l-interessi tal-konsumatur;*
>
> *"iii) L-Awtorità, tramite l-Ufficcju, ai termini ta' Artikolu 17 (1) (j) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510), kellha tistudja s-suq li jirrigwardja l-parkeggi sabiex jigu mistharrga l-prezzijiet li qed jintalbu jhallsu l-konsumaturi biex jipparkjaw il-vetturi taghhom fil-parkegg tal-kumpanija Arriva u dak gestit mis-socjeta MCP Company Limited (C13656) u jekk humiex gusti, u jekk ikun hemm il-bzonn, ai termini tal-Artikolu 14 (2) ta' Kap. 510, tintalab il-kollaborazzjoni tad-Direttur Generali Kompetizzjoni fi hdan l-istess Awtorità;*
>
> *"iv) Ghalhekk in konsegwenza tas-suespost, li l-Awtorità, tramite l-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, kellha tiehu konjizzjoni tal-kaz.*

*"Illi permezz ta' nota risponsiva datata 21 ta' Frar 2012 (a fol. 64 u 65) l-Awtorità u d-DG Affarijiet tal-Konsumatur tennew li l-imsemmija nota tal-appellanti tat-23 ta' Dicembru 2011 mhix sufficjentement spjegattiva biex jigi sanat in-nuqqas procedurali kontenut fir-rikors promotur ai*

*termini tal-Artikolu 143 (5) u (2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). L-Ufficju indika li r-rikorrenti jirreferi ghal decizjoni tal-Awtorità meta l-kaz in ezami huwa dwar decizjoni tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur u li skont l-Artikolu 7 (3) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510) dan ghandu jagixxi b'mod independenti u awtonomu, liberu mid-direzzjoni jew kontroll ta' kull persuna jew Awtorità. L-Awtorità regghet tenniet ukoll li l-kaz in ezami jaqa' taht il-kompetenza esklussiva ta' TM.*

*"Illi permezz ta' nota pprezentata nhar it-28 ta' Marzu 2012 (a fol. 67 et. seq.) l-Ghaqda spjegat ghaliex, skont hi, l-Awtorità, tramite l-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, kellha tintervjeni fil-kaz tal-ilmenti imressqa mill-istess Ghaqda u sostniet li l-pern tal-appell kollu hu fir-rigward tad-decizjoni tal-Awtorità, tramite l-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, li ma tihux konjizzjoni tal-istess ilmenti. L-Ghaqda spjegat li d-DG Affarijiet tal-Konsumatur jirrapprezenta l-Awtorità u li ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) hija biss l-Awtorità, permezz tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur, u ebda Awtorità regolatrici ohra, li hija responsabbli ghall-amministrazzjoni u l-infurzar ta' dak kollu li jaqa' taht dak l-Att, inkluz t-tharis li ma jsirux prattici kummercjali mhux gusti.*

*"Illi permezz tal-istess nota l-Ghaqda sostniet li bejn is-snin 2010 u 2012 sehhew zewg kazijiet fejn l-Ufficcju tal-Konsumatur intervjena u dan ghalkemm dawk il-kazijiet kienu jaqghu taht il-gurisdizzjoni ta' Awtorità ohra, u li in oltre, f'kaz minnhom, l-Ufficcju baqa' anke jsegwi u zamm vigilanza halli jassigura li l-agir tal-operatur ikkoncernat, wara li jirremedja s-sitwazzjoni, ikun konformi mal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.*

*"Illi fl-istess nota l-Ghaqda sostniet ukoll li l-kuntratt iffirmat bejn TM bhala regolatur u l-Arriva bhala operatur halla lok fejn l-Awtorità setghet tintervjeni f'kaz li l-operatur ma kienx konformi mal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u dan in kwantu l-artikolu 16.1 tal-kuntratt jistipula li "The Operator shall at all times conform in all respects with provisions of Maltese law, or any other international, national or local regulations affecting the whole or part of the subject of the Contract or any work to be done in relation there to." (fol. 72 u 121). In oltre, l-kuntratt jistipula wkoll li ghall-ewwel 6 xhur mill-bidu tas-servizz il-gdid tat-trasport pubbliku (fit-3 ta' Lulju 2011), TM ma seghtetx timmulta lil Arriva f'kaz li xi servizz jew servizzi moghtija ma kienux skont dak miftiehem, bhal per ezempju fir-rigward ta' ventilazzjoni, informazzjoni dwar id-destinazzjonijiet esebiti b'mod car, il-hin bejn wiehed iehor x'hin kellha tasal tal-linja fuq il-waqfa, etc. Ghalhekk, l-Ghaqda sostniet li TM ma kellhiex il-poter li taghmilha tassew ta' regolatur.*

*"Illi l-Ghaqda spjegat li l-klawsola IV.8 tal-kuntratt bejn TM u Arriva u l-kundizzjoni fis-sitt paragarafu, taht it-titolu General, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-garr tal-passiggieri misjuba fis-sit elettroniku tal-Arriva huma ezempju ta' prattika kummercjali mhux gusta u dan in*

*kwantu l-passiggieri setghu jigu mgieghla jhallsu multa u jixtru biljett iehor intortament jekk il-vjagg ikun dam iktar minn saghtejn meta d-dewmien seta' kien ikkagunat mill-Arriva stess. L-Ghaqda rilevat ukoll li fl-istess sit elettroniku, fit-tielet paragrafu tal-introduzzjoni, hemm indikat li l-kundizzjonijiet ta' garr huma konsistenti inter alia mal-Att dwar l-Affarijiet ghall-Konsumatur.*

*"L-Ghaqda rilevat ukoll li kien gie mressaq ilment minn konsumatur dwar it-tariffi li kienu qed jigu mgieghla jhallsu dawk li juzaw il-parkegg tal-Arriva u dak gestit mill-MCP Company Limited biex jipparkjaw il-vetturi taghhom.*

*"L-Ghaqda sostniet li d-DG Affarijiet tal-Konsumatur, ai termini tal-Artikolu 17(1)(i) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510) ghandu l-funzjoni, "li jirrevedi s-swieq u l-attivitajiet kummercjali li ghandhom x'jaqsmu mal-provvista ta' oggetti u servizzi u li jigbor informazzjoni u provi sabiex ikun jista' jaccerta jekk dawk is-swieq u attivitajiet jistghux jaffettwaw b'mod hazin l-interessi tal-konsumatur." Id-DG Affarijiet tal-Konsumatur ghandu wkoll il-poter li jaghmel l-investigazzjonijiet tieghu sabiex jindaga jekk xi kundizzjoni f'servizz ghall-konsumatur kienetx qed tmur kontra xi dispozizzjoni tal-Att dwar l-Affarijiet ghall-Konsumatur, specjalment meta kien qed jigi allegat li l-kundizzjonijiet (f'dan il-kaz tal-garr tal-passiggieri) kienu konformi mal-Att dwar l-Affarijiet ghall-Konsumatur.*

*"Illi TM sostniet li l-ilmenti mmarkati bhala 1 (a) sa (f) fl-ittra tal-Ghaqda tal-20 ta' Lulju 2011 u anke l-kwistjoni tal-prezzijiet ghall-parkegg fil-Park and Ride kienu regolati mill-kuntratt ta' bejn TM u l-Arriva u ai termini tal-ligi relattiva. TM qalet illi hadet passi immedjati dak iz-zmien tal-ilment u hadmet mal-Arriva fi process kontinwu biex tigi solvuta l-kwistjoni tal-istess ilmenti. Id-DG Affarijiet tal-Konsumatur qal li hu ra kopja tal-kuntratt ta' bejn TM u l-Arriva wara l-laqgha li saret f'Awwisu 2011.*

*"Illi fir-rigward tal-ilment tal-Ghaqda, mill-provi jirrizulta li TM ma kinitx certa jekk l-Ufficcju jew l-Ghaqda gewx infurmati jekk ittehditx azzjoni u, jekk iva, x'azzjoni ttiehdet u r-rizultanzi tal-istess. Jirrizulta wkoll li lanqas l-Awtorità ma ppruvat tivverifika jekk TM kienitx hadet azzjoni dwar l-ilmenti li tressqu quddiemha. L-Awtorità kienet konxja li TM kienet tat twissija lil Arriva imma l-Awtorità ma segwietx biex tara jekk l-Arriva hadux azzjoni jew le fir-rigward tal-ilmenti tal-Ghaqda. Illi giet esebita ittra mibghuta minn TM lil Arriva f'Novembru 2012 (a fol. 202), u cioé aktar minn sena wara li beda s-servizz il-gdid tat-trasport pubbliku pprovdut minn Arriva liema ittra kienet iffukata primarjament fuq il-frekwenza tas-servizzi.*

***"Ikkunsidra***

*"Illi fis-seduta mizmuma nhar it-30 ta' Novembru 2011, fuq talba tal-Ghaqda, giet ordnata korrezzjoni fl-okkju li tikkoncerna l-intimat DG*

*Affarijiet tal-Konsumatur u għalhekk is-seba' eccezzjoni tal-intimati ġiet sorvolata.*

*"Illi fl-istess seduta tat-30 ta' Novembru 2011 u kif ukoll permezz ta' nota a fol. 60, l-Għaqda irtirat l-ewwel talba tagħha rigwardanti n-nuqqas ta' ħrug ta' mizuri intermedjarji u għalhekk id-disa' eccezzjoni tal-intimati ġiet hekk ukoll sorvolata.*

*"Illi permezz tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni tagħhom l-intimati ecceppew li l-appell hu irritu u null in kwantu ma jikkontjenix talba għat-tħassir jew għat-tibdil tad-deciżjoni appellata u li r-rikors tal-appell hu nieqes minn raġunijiet dettaljati u aggravji. F'dan ir-rigward jingħad fl-ewwel lok li l-Artikolu 110D tal-Kap. 378 ma jirrikjedix ad validitatem li r-rikors tal-appell ikun jinkludi talba għat-tħassir jew tibdil tad-deciżjoni appellata. Illi in oltre, mit-talbiet tal-Għaqda kif imposti, jirrizulta b'mod car li jekk dan it-Tribunal jgħaddi biex jilqa' tali talbiet it-tħassir tad-deciżjoni in kwistjoni tkun naturali u konsegwenzjali. It-Tribunal ma jaqbilx ma' dak allegat mill-intimati li r-rikors tal-appell hu nieqes minn raġunijiet dettaljati u aggravji. It-Tribunal iqis ir-rikors tal-appell sufficjentement dettaljat u spjegat fejn l-aggravji huma ben cari, tant illi l-intimati irrispondew għall-istess appell bi tnax-il eccezzjoni u dan fi stadju bikri tal-appell. Illi fi kwalunkwe kaz, jiġi rilevat li l-Għaqda appellanti ingħatat l-opportunità fi stadju ulterjuri li tispecifika dak li qed titlob mingħand it-Tribunal u dan sar permezz ta' nota a fol. 60 et. seq. fejn ġie kjarifikat dak mitlub mit-Tribunal oltre t-tħassir tad-deciżjoni appellata. Għalhekk, dawn l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimati għandhom jiġu miċħuda.*

*"Illi permezz tat-tmien eccezzjoni tagħhom l-intimati eccepew li l-appell odjern hu intempestiv in kwantu l-oriġinal tal-ilment tal-Għaqda, u d-dokumenti annessi mal-istess, qatt ma ġew ricevuti mill-intimati. Pero nonostante dan, mill-provi prodotti, senjatament x-xhieda tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur (fol. 126 et. seq.) u mill-ittra tal-istess DG Affarijiet tal-Konsumatur (a fol. 39), jirrizulta li għalkemm d-DG Affarijiet tal-Konsumatur qed jallega li ma rceviex l-oriġinal tal-ilment hu jgħid b'mod car li rcieva kopja tal-ilment permezz ta' email. In oltre, għalkemm d-DG Affarijiet tal-Konsumatur qal li qatt ma rcieva d-dokumenti annessi mal-ilment, dan ma kienx ta' impediment għalih biex jieħu azzjoni fir-rigward tal-ilment tal-Għaqda u cioé zamm laqgħa mal-Arriva u ma' TM sabiex jiddiskuti l-istess ilmenti u finalment sahanstra irrisponda għall-ilmenti tal-Għaqda permezz tal-ittra tad-19 ta' Awissu 2011, issa suġġetta għall-appell odjern, u dan kollu mingħajr ma ntalbet kjarifika mill-Għaqda fir-rigward tal-ilmenti jew parti minnhom. Għalhekk, il-fatt li d-DG Affarijiet tal-Konsumatur ma rceviex l-oriġinal tal-ilment u d-dokumenti annessi ma kienx ta' xkiel għalih li jieħu d-deciżjoni hawn appellata u kwindi ma jistax jingħad li l-appell odjern hu intempestiv. Għaldaqstant, din it-tmien eccezzjoni tal-intimati għandha tiġi miċħuda.*

*"Illi permezz tar-raba' eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal limitatament fir-rigward tal-intimat l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur in kwantu ai termini tal-Artikolu 36(1) tal-Kap. 510 il-kompetenza ta' dan it-Tribunal hi li jisma' u jaqta' appelli minn decizjonijiet, ordnijiet jew mizuri tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u d-Direttur Generali (Affarijiet tal-Konsumatur). Illi fil-fatt, dan hu rifless ukoll inter alia fl-Artikolu 110B tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) li jipprovdi li kull persuna aggravata minn decizjoni, ordni jew mizura tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur ghandu d-dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal. L-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, immexxi mid-DG Affarijiet tal-Konsumatur, hu mwaqqaf ai termini tal-Artikolu 16(1) tal-Kap. 510 fi hdan l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur. Ghalhekk, l-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, immexxi u rapprezentat mid-DG Affarijiet tal-Konsumatur, jifforma parti mill-Awtorità, jopera tramite l-istess u m'ghandux personalità guridika separata u distinta bhal m'ghandha l-Awtorità, pero' ai termini tal-Artikolu 3(3)(a) tal-Kap. 504 ir-rapprezentazzjoni legali u guridika tal-Awtorità f'dak li jikkoncerna l-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur hija vestita fid-DG Affarijiet tal-Konsumatur. Illi fil-fatt l-ilment mertu tal-appell odjern gie indirizzat lid-DG Affarijiet tal-Konsumatur u t-twegiba ghall-istess saret ukoll da parte tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur. Ghaldaqstant, din ir-raba' eccezzjoni tal-intimati ghandha tigi milqugha.*

*"Illi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-intimati huma kollha relatati u jirrigwardjaw il-mertu tal-appell u cioé l-kompetenza o meno tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur fl-ambitu tal-kwistjonijiet tat-trasport pubbliku kif jirrizultaw fir-rikors tal-appell. Ghalhekk, li jrid jigi deciz u jekk id-DG Affarijiet tal-Konsumatur kellux jiehu passi biex jiddefendi lill-konsumatur minn servizz inferjuri provdut u mizuri ohra mehuda mill-Arriva li jolqtu hazin lill-konsumatur, jew jekk, kif allegat mill-intimat, dan huwiex l-inkarigu esklussiv ta' TM.*

*"Illi ai termini tal-Artikolu 17 (1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510), ir-responsabbiltajiet tal-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur jinkludu inter alia:*

> *"(c) li jircievi u jinvestiga ilmenti tal-konsumatur rigward il-provvista ta' oggetti u servizzi u biex jiehu dik l-azzjoni li hi fis-setgha tieghu sabiex jirrimedja kull aggravju gustifikat li jista' jigi ghall-attenzjoni tieghu;*
>
> *"(i) li jirrevedi s-swieq u l-attivitajiet kummercjali li ghandhom x'jaqsmu mal-provvista ta' oggetti u servizzi u li jigbor informazzjoni u provi sabiex ikun jista' jaccerta jekk dawk is-swieq u attivitajiet jistghux jaffetwaw b'mod hazin l-interessi tal-konsumatur.*

*"Illi in oltre, ai termini ta' Artikolu 12B (1b) tal-Att ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), entità kwalifikata tista' tressaq ilment lid-DG Affarijiet tal-Konsumatur fir-rigward ta' mgieba ta' persuna jew izjed li*

*tipprovdi servizzi fis-suq koncernat u, ai termini ta' Artikolu 14B (1) tal-istess Att, "f'kazijiet ta' urgenza minhabba r-riskju ta' hsara immedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi, id-Direttur Generali jista'/tista', qabel il-konkluzjoni tal-investigazzjoni, fuq il-bazi ta' sejbiet prima facie ta' ksur, jordna/tordna mizuri intermedji sabiex jirrimedja/tirrimedja s-sitwazzjoni qabel ma tintlahaq decizjoni finali, u jaghti/taghti r-ragunijiet tieghu/taghha."*

*"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-perjodu meta gie mressaq l-ilment mill-Ghaqda diversi servizzi mwieghda mill-Arriva ma kienux qed jigu offruti u dan wara biss hmistax-il gurnata mill-bidu tas-servizz, bi hsara ghall-interessi kollettivi tal-konsumaturi. Irrizulta wkoll li l-konsumaturi tal-parkeggi tal-Park and Ride u MCP Company Limited setghu kienu qed jigu milquta negattivament minhabba t-tariffi mposti. Cioé nonostante, ghalkemm it-tehid ta' mizuri intermedjarji biex jipprotegu lill-konsumatur huwa fil-kompetu specifiku tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur, il-posizzjoni mehuda mill-istess DG kienet li hu r-regolatur specifiku, u cioe TM, li kellhu d-dritt u d-dmir li jinvestiga u jirremedja s-sitwazzjoni tas-servizz tat-trasport pubbliku f'Malta.*

*"Illi ghalkemm hu minnu li, ai termini tal-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499) Artikolu 7 (g), l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ghandha l-funzjoni li, "tizgura l-provvediment ta' sistemi ta' trasport ta' passiggieri li jkunu adegwati, efficjenti u li ma jaghmlux hsara lill-ambjent u ghal dan l-iskop tipprovdi hi stess servizzi bhal dawk jew tidhol f'kuntratt ta' servizz jew ta' xi strument iehor li jkun jorbot ma' operatur wiehed jew aktar operaturi biex jipprovdu dawk is-servizzi, kemm jekk fuq bazi esklussiva kemm xort'ohra, kif l-Awtorità tista' tiddeciedi", pero' minn naha l-ohra ma jirrizulta li hemm l-ebda regolament f'dan l-Att li jipprovdi ghall-mizuri intermedjarji biex jipprotegu l-interessi tal-konsumaturi meta s-servizz ma jkunx adegwat u efficjenti.*

*"Illi f'kaz bhal dan, meta l-Ufficcju ha l-posizzjoni li l-kwistjoni hija r-responsabbiltà ta' Awtorità ohra, u cioé TM, il-konsumatur m'ghandux rimedju effettiv fir-rigward tal-provvista ta' servizz tant baziku ghal eluf ta' cittadini u konsumaturi. Hawnhekk kellu jigi applikat l-Artikolu 17 (1) (b) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510), li jipprovdi b'mod car li wiehed mir-responsabbiltajiet tal-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur hu "li jsegwi l-prattici ta' negozju relatati mal-provvista ta' oggetti u servizzi lill-konsumatur, u li jiehu mizuri ghat-trazzin u l-prevenzjoni ta' kull prattika li tista' tkun ta' detriment lill-konsumatur".*

*"Illi ghalkemm hu minnu wkoll li TM kienet marbuta bil-kundizzjonijiet kuntrattwali mal-Arriva u bhala regolatur kellha d-dritt u d-dmir li ggib a konjizzjoni tal-operatur kwalunkwe ksur kuntrattwali, f'dan il-kaz TM stqarret li fil-perjodu wara t-tnehdija tas-servizz tat-trasport pubbliku mill-Arriva hi kienet ikkommunikat mal-operatur dwar il-bzonn ta' rimedji ghal diversi problemi, pero jirrizulta li l-Arriva xorta baqghet ma qdietx*

*l-obbligi kuntrattwali taghha, u b'rizultat ta' dan il-konsumatur baqa' jsofri. Illi jigi nnutat ukoll li ai termini tal-istess kuntratt bejn TM u l-Arriva, fl-ewwel sitt xhur mit-tnedija tas-servizz tat-trasport pubbliku operat mill-Arriva, TM ma setghetx timponi multi fuq l-Arriva b'rizultat tan-nuqqasijiet fis-servizz moghti. Ghaldaqstant, din il-kundizzjoni kuntrattwali kellha l-potenzjal li tkun ta' detriment ghall-efficjenza tas-servizz tat-trasport pubbliku offrut mill-Arriva fl-ewwel xhur tal-operat taghha b'dannu ghall-konsumaturi li kienu jaghmlu uzu minn dan is-servizz b'mod regolari. L-Artikolu 17 (1) tal-Att dwar l-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510), jipprovdi li d-DG Affarijiet tal-Konsumatur ghandu l-funzjoni inter alia li, "(m) jaghti parir lill-Awtoritajiet pubblici dwar affarijiet tal-konsumatur li jistghu jqumu fit-twettiq tal-funzjonijiet taghhom; u (n) jaghti parir dwar l-impatt fuq l-interessi tal-konsumatur li l-ligi, politika jew prattici amministrattivi jista' jkollhom". Ghalhekk, kien fl-obbligu tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur li jgib l-impatt negattiv tal-klawsoli kuntrattwali bejn TM u l-Arriva fuq il-konsumaturi a konjizzjoni ta' TM.*

*"Illi fil-fatt l-Ufficcju tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur zamm laqgha kemm ma' TM u anke mal-Arriva fejn gew migjuba a konjizzjoni tal-ittra tal-ilment tal-Ghaqda, pero' ma jirrizultax li wara din il-laqgha nzamm kuntatt ufficjali bejn id-DG u TM u/jew l-Arriva rigward xi azzjoni bhala rimedju ghall-ilmenti tal-Ghaqda. Ai termini tal-Artikolu 27 (3) u (4) tal-Att dwar l-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510), "L-Ufficcji fuq naha wahda u l-Awtoritajiet pubblici fuq in-naha l-ohra ghandhom jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni necessarja ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Att dwar il-Kompetizzjoni, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull Att iehor, jew regolamenti maghmula tahthom u dik l-informazzjoni ghandha tigi provduta fi zmien ragonevoli skont ic-cirkostanzi partikolari tal-kwistjonijiet involuti." Ma jirrizultax li sar ftehim ghall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Ufficcju u TM rigward dawk ic-cirkostanzi fil-provvizjoni tas-servizz tat-trasport pubbliku li setghu kienu ta' detriment ghall-konsumaturi jew informazzjoni dwar kwalunkwe titjib fir-rigward tal-istess u ghalhekk l-Ufficcju ma setax ikun jaf jekk l-istess cirkostanzi kienux tjiebu jew le u jekk il-hsara ghall-konsumaturi kienetx tnaqqset jew gietx eliminata ghal kollox. Ghalhekk f'dan il-kaz l-Ufficju seta' jottjeni din l-informazzjoni biss jew jekk TM tforniha b'mod volontarju jew jekk l-Ufficcju stess jaghmel l-investigazzjonijiet tieghu, wahdu jew bl-ghajnuna tal-Ufficju tad-DG (Kompetizzjoni). Jirrizulta li l-Ufficju qatt ma hareg stqarrija dwar investigazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ilmenti in kwistjoni fix-xhur wara t-tnehdija tas-servizz gdid tat-trasport pubbliku mill-Arriva.*

*"Illi t-Tribunal jirrileva li l-Awtorità, tramite l-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, kellha tassigura li, bi ftehim ma' TM, tigi aggornata dwar x'azzjoni ittiehdiet fir-rigward tal-ilmenti tal-Ghaqda u li tara li l-Ghaqda tigi aggornata b'tali azzjoni. Dan kellu jsir in vista tal-impatt fuq il-konsumaturi b'rizultat tan-nuqqasijiet fis-servizz tat-trasport pubbliku u kif ukoll biex l-Ufficcju jaqdi l-obbligu tieghu ai termini tal-Artikolu*

*17(1)(c) tal-Kap. 510 u cioé li jinvestiga ilmenti tal-konsumatur rigward il-provvista ta' servizzi u biex jiehu dik l-azzjoni li hi fis-setgha tieghu sabiex jirrimedja kull aggravju gustifikat li jista' jigi ghall-attenzjoni tieghu.*

*"Illi jirrizulta li wahda mill-kundizzjonijiet tal-garr tal-passiggieri stipulata mill-Arriva kienet tirrigwardja l-biljetti, nollijiet u multi, fejn l-Arriva kellha s-setgha li timpona multa fuq passiggier, u kif ukoll li l-istess passiggier ikun obbligat jerga' jhallas in-noll, f'kaz li tali passiggier jinstab b'biljett, pass jew dokumentazzjoni li tkun skaduta jew modifikata jew f'kaz li ma jkunx jista' juri dawn jekk mitlub minn ufficjal tal-Arriva. Jirrizulta li l-konsumaturi ma kinux mgharrfa b'din il-kundizzjoni fil-materjal ta' taghrif li tqassam mill-Arriva qabel ma beda s-servizz. Illi ai termini tal-Artikoli 51C(vii) u 51D(1a) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), jista' jinghad li l-konsumatur ma kellux l-informazzjoni kollha mehtiega u li ma kienx a konjizzjoni tar-riskji konnessi mal-uzu tas-servizz u l-importanza ta' biljett validu tul il-vjagg kollu. Fil-laqgha li saret bejn l-Ufficcju u l-Arriva rrizulta li f'Awwissu 2011 kien hemm xi stickers lesti biex b'mod immedjat jintuzaw halli titjieb l-informazzjoni ghall-passiggieri dwar il-kundizzjonijiet tal-garr, pero' l-Ghaqda ma gietx moghtija din l-informazzjoni mill-Ufficcju ghalkemm dan hu fatt direttament relatat mal-ilmenti tal-Ghaqda mnizzla fl-ittra tal-20 ta' Lulju 2011.*

*"Illi jirrizulta wkoll li bejn is-snin 2011 u 2012 kien hemm zewg kazijiet fejn l-Awtorità, tramite l-Ufficcju ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, intervjeniet sabiex tipprotegi l-konsumaturi b'mod kollettiv u tassigura li kundizzjonijiet kuntrattwali kienu gusti u li l-konsumaturi kellhom informazzjoni adekwata biex jaghmlu ghazliet infurmati ta' xiri ta' servizzi. F'dan il-kaz iz-zewg operaturi kkoncernati kienu qed joperaw bl-approvazzjoni tal-Awtorità Maltija ghall-Komunikazzjoni, ir-regolatur specifiku, izda l-Ufficcju tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur xorta wahda ha passi, li skont hu stess, wasslu biex l-affarijiet tjiebu fl-interess tal-konsumatur. F'dawn il-kazijiet l-Ufficcju anke zamm vigilanza biex jassigura li l-operatur ikun konformi mal-Att ghall-Affarijiet tal-Konsumatur u hareg stqarrija ghall-istampa f'dan ir-rigward (fol. 90). Illi ghalhekk tirrizulta inkonsistenza da parte tad-DG Affarijiet tal-Konsumatur in kwantu fiz-zewg kazijiet msemmija, nonostante l-ezistenza ta' regolatur specifiku fis-settur, intervjena skont il-ligi, senjatament l-Artikolu 17(1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510), filwaqt li fil-kaz odjern mexa mod iehor u ha l-posizzjoni li ma jintervenjix stante l-presenza ta' regolatur specifiku ossia TM.*

*"Ghaldaqstant, l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-intimati ghandhom jigu michuda."*;

3. Illi b'Rikors tal-Appell imressaq minnu fit-12 ta' Marzu, 2014, id-

Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") fisser li huwa ħassu aggravat mis-sentenza appellata u, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata ħlief għal dik il-parti fejn it-Tribunal laqa' r-raba' eċċezzjoni li biha ħeles lill-Awtorità mill-ħarsien tal-ġudizzju, u minflok tikkonferma d-deċiżjoni meħuda minnu fl-ittra tiegħu tad-19 ta' Awwissu, 2011, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent *nomine*;

4. Illi permezz ta' Risposta li ressaq fil-25 ta' Marzu, 2014, ir-rikorrent *nomine* (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat") għar-raġunijiet fiha mfissra, qal li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-15 ta' Jannar, 2019;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi l-kwestjoni ewlenija li kienet tikkaratterizza l-każ kienet waħda

ta' kompetenza. It-Tribunal ried jistħarreġ jekk kinitx tajba d-deċiżjoni meħuda mill-appellant fid-19 ta' Awwissu, 2011[1], li ma jindaħalx fil-kwestjonijiet imressqa mir-rikorrent *nomine* f'ittra bid-data tal-20 ta' Lulju, 2011. F'dik l-ittra, ir-rikorrent *nomine* kien talab lill-appellant jikkunsidra lmenti partikolari dwar l-operat tal-kumpannija fdata bit-tħaddim tat-trasport pubbliku f'Malta – Arriva Malta Limited. Dak li kellu jiddeċiedi dwaru t-Tribunal kien imfisser fil-verbal tas-smigħ tad-29 ta' Jannar, 2014 meta ngħad li "il-vertenza tirrigwarda prinċipji regolaturi dwar il-poteri u l-obbligi tal-Awtorità u għalhekk id-deċiżjoni għandha tingħata rigward din il-vertenza fit-termini magħmula"[2]. Dawk it-termini kienu maqbula b'verbal li kien sar żmien qabel, waqt is-smigħ tat-22 ta' Frar, 2012[3], fejn it-Tribunal kien iddikjara li kellu jqis l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimati fis-sentenza finali u li kellu jiddetermina wkoll in-nuqqas ta' kompetenza tal-appellant fl-ambitu ta' kwestjonijiet marbutin mal-għoti ta' servizz ta' trasport pubbliku;

9. Illi din il-Qorti tqis ukoll li, matul iż-żmien li kien miexi s-smigħ tal-każ quddiem it-Tribunal u sakemm ingħatat is-sentenza appellata, kien hemm bdil radikali fit-tħaddim u t-tmexxija tat-trasport pubbliku. Minkejja dan, il-partijiet kienu talbu li t-Tribunal xorta waħda jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar it-termini tal-vertenza fuq imfissra. Fil-mori ta' dan l-appell

---

[1] Dok "D", f'paġ. 39 tal-proċess
[2] Paġ. 208 tal-proċess
[3] Paġ. 63 tal-proċess

kien hemm bidliet oħrajn fil-liġi li tgħodd għall-każ kemm fl-aspetti sostantivi u kif ukoll dawk proċedurali[4]. Il-Qorti sejra tqis l-aggravji mressqa mill-appellant fid-dawl ta' kif kienet il-liġi fiż-żmien rilevanti għal dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata;

10. Illi l-appellant ressaq **disa' aggravji** mis-sentenza appellata li, fil-qosor, huma: (i) li t-Tribunal naqas li jqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari li tgħid li l-appell tar-rikorrent *nomine* mid-deċiżjoni tal-appellant ma kienx jiswa għaliex tressaq bi ksur tal-artikolu 142(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) li t-Tribunal ma mexiex sewwa meta ċaħadlu t-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu li tgħid li l-appellat naqas li jħares dak li jrid l-artikolu 143 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fuq x'għandu jkun fih rikors ta' appell; (iii) li s-sentenza appellata ma tiswiex għaliex it-Tribunal ċaħadalu t-tielet eċċezzjoni preliminari tiegħu bla ma għamel hekk f'kap għalih kif jitlob l-artikolu 730 tal-istess Kodiċi ladarba dik l-eċċezzjoni kienet tgħid li kienet tonqos fl-istess Tribunal is-setgħa (kompetenza) li jisma' u jiddeċiedi l-appell imressaq quddiemu mill-appellat fid-dawl ta' liġi speċjali li kienet tirregola l-ilment imressaq mill-istess appellat; (iv) li s-sentenza appellata ma tiswiex għaliex it-Tribunal ċaħadlu s-sitt eċċezzjoni preliminari tiegħu (li biha kien qal li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-ilment tal-appellat) bla ma tali ċaħda saret f'kap għaliha kif jitlob l-artikolu 730 tal-istess Kodiċi; (v) li ma jidhirx li t-Tribunal qies il-

[4] Bis-saħħa tal-Att XVI tal-2019, fost l-oħrajn

punti ta' dritt relattivi għan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni u min hu l-kontradittur leġittimu tal-ilmenti tal-appellat, liema eċċezzjonijiet kienu marbuta mal-operat tal-kumpannija Arriva Malta Limited, liema operat kien regolat b'liġi speċjali li r-regolatur tagħha kienet awtorità oħra u mhux l-appellant; (vi) li l-ordnijiet mogħtijin fis-sentenza appellata ma jistgħux ikunu esegwiti; (vii) li t-Tribunal kien żbaljat meta ċaħad il-ħames eċċezzjoni preliminari tiegħu li kienet tgħid li jonqos fl-appellat l-interess ġuridiku li jressaq l-ilment quddiem it-Tribunal; (viii) li t-Tribunal naqas li jqis it-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet preliminari dwar l-intempestività tal-appell imressaq mill-appellat quddiem l-istess Tribunal; u (ix) li t-Tribunal ma qiesx suffiċjentement il-liġi speċjali li kienet tgħodd għall-każ u adottat minflok it-teżi tal-appellat b'analoġija ma' każ ieħor liema tqabbil ma setax isir għaliex il-kwestjonijiet kienu differenti minn xulxin;

11. Illi l-Qorti tqis li dawn l-aggravji huma, fil-biċċa l-kbira minnhom, ta' xejra proċedurali u f'xi każijiet itennu 'l xulxin. Għalhekk jidhrilha li jkun xieraq li tittrattahom skond l-aspett proċedurali tagħhom billi, fejn ikun il-każ, tiġbor aktar minn aggravju wieħed flimkien ma' oħrajn. Fil-qofol tagħhom u minn dak li ssemma fil-paragrafu ta' qabel, l-aggravji jistgħu jinġabru taħt tliet irjus: (a) dawk li jitkellmu dwar in-nuqqas ta' siwi tas-sentenza appellata; (b) dawk li jitkellmu dwar in-nuqqas tal-att imressaq mill-appellat; u (ċ) dawk li jitkellmu dwar l-apprezzament ta' punti ta' dritt min-naħa tat-Tribunal fis-sentenza appellata fir-rigward ta' eċċezzjonijiet

oħrajn;

12. Illi xieraq li jitqiesu qabel xejn l-**aggravji li jitkellmu dwar is-siwi tas-sentenza appellata** għaliex jekk il-Qorti ssib li huma tajbin, ma jkunx hemm ħtieġa li tqis l-aggravji l-oħrajn. Taħt din il-kategorija nsibu t-tielet u r-raba' aggravji. L-appellant jgħid li kienu tqajmu żewġ eċċezzjonijiet partikolari – waħda li titkellem dwar il-kompetenza tat-Tribunal li jqis l-ilment tal-appellat u l-oħra li tgħid li l-appellant ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-istess ilment – u t-Tribunal naqas li jiddeċidihom f'kap għalihom fis-sentenza appellata. L-appellant jgħid li dan sar b'nuqqas ta' tħaris ta' dak li titlob il-liġi fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, u dan in-nuqqas iwassal għan-nullità tas-sentenza kif jaħseb l-artikolu 790 tal-istess Kodiċi;

13. Illi għal dawn iż-żewġ aggravji l-appellat jissottometti li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddux għall-proċedimenti u pronunzji min-naħa tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur u lanqas għat-Tribunal li ta s-sentenza appellata. Huwa jgħid li l-liġi[5] nnifisha tgħid li t-Tribunal jirregola l-proċeduri tiegħu u ma timponilu l-ebda rabta li joqgħod mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura;

[5] Jirreferi għall-artikolu 37(3) tal-Kap 510 li issa tħassar bis-saħħa tal-art. 62 tal-Att XVI tal-2019

14. Illi l-Qorti tqis li ż-żewġ eċċezzjonijiet li l-appellant jibni l-aggravji tiegħu dwarhom huma eċċezzjonijiet li l-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 jgħid li jmisshom jingħataw b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. Tqis ukoll li, fis-sentenza appellata, it-Tribunal qieshom it-tnejn u immotiva wkoll il-fehmiet tiegħu dwar kull waħda minnhom qabel ma sab li kellu jiċħadhom;

15. Illi n-nullità ta' sentenza hija ċirkostanza li titlob l-eżistenza ta' raġuni serja, dwar xi kontinġenza maħsuba mil-liġi, li trid tkun ippruvata kif imiss minn min iqajjem l-eċċezzjoni tas-siwi tagħha u, fuq kollox, li trid tkun ippruvata kif imiss mill-istess eċċipjent. Minbarra dan, l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk kemm-il darba s-sentenza appellata tkun ġusta fil-qofol tagħha u jekk kemm-il darba ma tkunx imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni, nuqqas ta' ċitazzjoni, l-illeġittimità tal-persuna, l-ultrapetizzjoni jew l-extrapetizzjoni, jew jekk ikun fiha xi difett li jġib ħsara lill-jedd tas-smigħ xieraq tal-parti. Għalhekk, jekk l-eċċezzjoni li ma tkunx ingħatat sentenza dwarha imqar tkun waħda li l-liġi tgħid li trid tingħata taħt kap għaliha fis-sentenza[6], l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza xorta waħda tista' ma tintlaqax jekk kemm-il darba s-sentenza tkun ġusta fis-sustanza[7];

16. Illi l-Qorti hija tal-fehma li, filwaqt li ma tistax taċċetta l-argument

[6] App. Inf. PS **7.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Paċe et vs Alfred Theuma***
[7] App. Inf. PS **20.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja***

tal-appellat li t-Tribunal ma kienx marbut bl-ebda mod mal-ħarsien tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-aggravji tal-appellant f'dan ir-rigward ma jissoddisfawx il-kejl li jitlob l-artikolu 790 biex iwassal għat-tħassir tas-sentenza appellata. Kif ingħad, it-Tribunal qies u immotiva l-imsemmija eċċezzjonijiet u wasal għall-fehma li kellu jiċħadhom. L-appellant ma jistax jilminta li t-Tribunal injora l-imsemmija eċċezzjonijiet: għall-kuntrarju, jekk wieħed jara dak li minnufih jippreċedi d-"*decide*" tas-sentenza appellata, wieħed isib li t-Tribunal kien espressament qal li qed jiċħad dawk l-eċċezzjonijiet u qal għaliex kien wasal għal dik il-fehma. Din il-Qorti ssib ukoll li s-sentenza appellata ma kinitx imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni u lanqas fuq l-illeġittimità tal-persuna, għaliex sabet li, għall-kuntrarju ta' dak eċċepit, it-Tribunal sab li kellu kemm is-setgħa li jisma' l-appell u kif ukoll li l-istess appell kien tressaq kontra persuna li kellha twieġeb għalih. Fejn it-Tribunal sab li parti ma kinitx imħarrka sewwa, dan għarfitu wkoll u kemm hu hekk ħelset lill-Awtorità mill-ħarsien tal-ġudizzju fuq is-saħħa ta' eċċezzjoni preliminari appożita li l-istess Awtorità kienet qajmet f'dan is-sens. Fil-fehma tal-Qorti, is-sentenza appellata tħares dak li l-liġi titlob minn kull sentenza fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għajr għall-aspett tat-tfassila tas-sentenza appellata, l-appellant ma weriex li l-istess ma hijiex sostanzjalment ġusta jew li l-mod kif ingħatat kienet issarraf fi preġudizzju għall-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Il-fatt li l-appellant ma jaqbilx mar-raġunijiet li wasslu lit-Tribunal biex ma jilqax l-imsemmija

żewġ eċċezzjonijiet ma jfissirx li s-sentenza appellata hija sostanzjalment inġusta;

17. Illi għalhekk dawn l-aggravji mhumiex tajbin u mhux ser jintlaqgħu;

18. Illi l-**aggravju li jirrigwarda n-nuqqas ta' deċiżjoni fuq eċċezzjonijiet partikolari** jiġbor fih l-ewwel u t-tieni aggravji. F'dawn l-aggravji l-appellant jilminta li t-Tribunal naqas li jqis li l-att li bih l-appellant ressaq l-appell tiegħu quddiem l-istess Tribunal kien att null għaliex ma kienx iħares dak li l-liġi titlob fl-artikolu 142(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant kien hemm raġuni biex l-istess Tribunal ma jilqax dak l-att u jkompli jisma' l-appell. Fil-każ tal-ewwel aggravju, l-appellant jistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex jgħid li l-att li bih l-appellat ressaq l-appell tiegħu quddiem it-Tribunal ma kienx fih talba għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-appellant jew għat-tibdil tagħha, u għalhekk dak l-att kien milqut b'difett proċedurali ewlieni li lanqas seta' jkun sanat bit-tressiq ta' atti oħrajn li bihom jiġi msewwi l-att oriġinali, ladartba l-liġi (kienet) timponi żmien ta' dekadenza fuq it-tressiq ta' appelli bħal dak[8]. It-tieni aggravju jirrigwarda l-istess att promotur tal-appellat u li l-appellant jgħid li jonqsu minnu l-elementi mitluba mill-artikolu 143 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawnhekk, l-appellant jilminta li t-Tribunal innifsu naqas li jħares dak li

[8] Riferenza għall-art. 110B(3)(a) tal-Kap 378 (imħassar bl-Att XVI tal-2019)

tgħid il-liġi meta ta lill-appellat żmien itwal minn dak imsemmi fil-Kodiċi biex jiċċara dak li kien qiegħed jitlob fl-appell tiegħu;

19. Illi l-appellat jilqa' għal dawn l-aggravji bl-istess argument li nqeda bih fil-każ tal-aggravji ta' qabel;

20. Illi l-Qorti tqis li fiż-żmien li fih l-appellat ikkontesta d-deċiżjoni tad-Direttur fl-ittra tiegħu tad-19 ta' Awwissu tal-2011, il-liġi ma kinitx tippreskrivi kif u taħt liema sura kellu jitressaq l-att li bih persuna setgħet tappella minn deċiżjoni bħal dik. L-artikolu relattiv kien jgħid li "appell minn deċiżjoni .. .. .. isir permezz ta' talba"[9]. Il-bidliet li kienu ddaħħlu fil-liġi bl-Att VI tal-2011 ma kinux iċċaraw din il-ħaġa lanqas. L-att li bih l-appellat ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-appellant kien rikors. L-appellant jgħid li r-rikors ma kienx fih talba għat-tħassir jew it-tibdil tad-deċiżjoni kontestata. Il-Qorti tqis li, fis-sewwa, ir-rikors li bih l-appellat adixxa lit-Tribunal kien juri l-kontestazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni meħuda. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-appellat ma kien jaqbel mal-ebda parti minn dak li kien hemm fid-deċiżjoni tal-appellant u ried li t-Tribunal jaqlibha u jordna lill-appellant jagħmel dak li ntalab fir-rikors tal-appell[10]. Ta' min jgħid li d-deċiżjoni tal-appellant lanqas kienet fis-sura ta' att ġudizzjarju, imma kienet ittra;

---

[9] *Ibid.*

[10] Kemm hu hekk, fis-sentenza appellata għar-rigward tat-talbiet tal-appellat, it-Tribunal qal: "*jekk dan it-Tribunal jgħaddi biex jilqa' tali talbiet it-tħassir tad-deċiżjoni in kwistjoni tkun naturali u konsegwenzjali*"

21. Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullità ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullità tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullità li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[11], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[12];

22. Illi ma' dan il-Qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullità ta' att ġudizzjarju, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullità assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[13]. Minbarra dan, biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva*

[11] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[12] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[13] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Żammit*** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullità ta' att ġudizzjarju

*vjolazzjoni tal-liġi*"[14];

23. Illi mbagħad, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullità mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[15]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarità essenzjali" u mhux partikolarità kwalsijasi. Biex partikolarità f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

24. Illi l-Qorti tqis li safejn l-ewwel aggravju tal-appellant jinbena fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 142 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti hija tal-fehma li l-att imressaq mill-appellat quddiem it-Tribunal kien wieħed xieraq[16] u kien jixhed li qiegħed jitlob it-tħassir tad-deċiżjoni li kien ta l-appellant fl-ittra tad-19 ta' Awwissu, 2011[17]. Meta t-Tribunal ta lill-appellant ordni biex "jiċċara" x'kien qiegħed jitolbu, ma kienx qiegħed

[14] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assunta Borġ e****t* (mhix pubblikata)
[15] Ara, per eżempju, P.A. C.S. **4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[16] Art. 142(1) tal-Kap 12
[17] Art. 142(2) tal-Kap 12

jgħidlu li l-appell ma kienx jiswa jew li ma kienx ċert jekk id-deċiżjoni appellata kinitx mistennija titħassar jew tinbidel f'parti minnha. Id-deċiżjoni kienet li l-appellant ma ikienx sejjer jistħarreġ l-ilmenti mressqa mill-appellat u ma kien hemm l-ebda deċiżjoni oħra li minnha l-appellat ressaq l-appell tiegħu quddiem it-Tribunal. Jekk kien hemm xi ħwejjeġ mhux ċari, it-Tribunal ħaddem il-liġi[18] meta talab lill-appellat jiċċara x'kien qiegħed jitlob. Dan huwa rimedju li l-liġi tagħti biex att ġudizzjarju ma jitħassarx;

25. Illi safejn it-tieni aggravju jirrigwarda l-artikolu 143 tal-Kodiċi tal-Proċedura, il-Qorti sib li l-artikolu 143(5) jagħmilha ċara li xi nuqqas f'att li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' qabel ma jġibx in-nuqqas ta' siwi tal-att. Dan ifisser li n-nuqqasijiet li l-appellant jattribwixxi lill-appell tal-appellat quddiem it-Tribunal huma min-natura ta' nuqqasijiet mhux essenzjali. Ifisser ukoll li l-att ma kienx null meta tressaq u seta' jkun imsewwi jew imtejjeb, u għalhekk l-argument tal-appellant li kien jgħodd l-artikolu 99 tal-Kap 12 ma jreġix. Il-fatt li t-Tribunal ta lill-appellat żmien aktar minn jumejn biex jagħmel dan ma jwassalx lanqas, fil-fehma ta' din il-Qorti, għan-nullità tal-appell imsemmi. Ma hemmx dubju li ladarba t-Tribunal ta lill-appellat żmien ġudizzjali, l-appellant ma jistax ilum lill-appellat li qagħad għal dak iż-żmien u ottempera ruħu mat-terminu hekk mogħti mit-Tribunal. It-termini ġudizzjali, għall-kuntrarju ta' dawk legali,

[18] Ara l-*proviso* tal-art. 789(1) tal-Kap 12

jistgħu jinbidlu fuq għażla tal-Qorti li tkun u saħansitra jiġġeddu[19];

26. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda ssib li lanqas dawn l-aggravji ma huma mistħoqqa u mhijiex sejra tilqagħhom;

27. Illi l-**aggravji dwar eċċezzjonijiet oħrajn mhux milqugħa** jgħoddu fihom dak li t-Tribunal qies li l-appellant kien il-kontradittur leġittimu tal-appell tal-appellat (<u>il-ħames aggravju</u>). L-appellant jisħaq li t-Tribunal iddeċieda ħażin meta sab li kien l-appellant li kellu jindirizza l-ilmenti tal-appellat u meta ma qiesx li b'liġi speċjali dawk l-ilmenti kellhom jittieħdu quddiem awtorità oħra (l-Awtorità għat-Trasport f'Malta) li s-setgħat tagħha bil-liġi kienu jinkludu dik li tissorvelja lill-operatur tat-trasport pubbliku f'Malta fiż-żmien rilevanti għall-każ. L-appellant jindika xi żviluppi li kienu seħħew fix-xena tat-tmexxija u t-tħaddim tas-sistema tat-trasport pubbliku biex isaħħaħ dan l-aggravju tiegħu;

28. Illi l-appellat iwarrab dan l-aggravju u jgħid li t-Tribunal qal sewwa li l-appellant kien marbut bil-liġi li jistħarreġ u jagħti rimedju fejn tqum xi kwestjoni marbuta ma' affarijiet li jolqtu lill-konsumatur. L-appellat jgħid li l-ilmenti li huwa ressaq quddiem l-appelant ma kien hemm l-ebda awtorità oħra kompetenti li tistħarriġhom u l-appellant ma setax jinħeba wara xi liġi oħra biex ma jwettaqx id-dmirijiet imposti fuqu mil-liġi li tirregolah;

---

[19] Art. 106 tal-Kap 12 u App. Kumm. **6.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone noe vs Mousu' pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.244**)

29. Illi l-Qorti taqbel għal kollox mar-raġunament magħmul mit-Tribunal f'dan ir-rigward u ma' kif għarbel sewwa l-qagħda li toħroġ mil-liġi. L-eżerċizzju mwettaq mit-Tribunal jiġbor fih, fil-fehma ta' din il-Qorti, tħaddim xieraq u korrett tas-setgħat mogħtijin lill-appellant u n-natura tal-ilmenti mressqa mill-appellat *nomine* f'isem il-bosta konsumaturi li, f'dak iż-żmien, kienu qajmu lmenti dwar xi pratiki li kienu potenzjalment jitolbu stħarriġ mill-appellant. Bħat-Tribunal, din il-Qorti ssib li l-ilmenti mressqa mill-appellat *nomine* kienu ta' natura tali li jolqtu t-tħaddim tal-liġi li waqqfet lill-Awtorità intimata u li l-appellant kien jirrappreżentaha u mistenni li jwettaq il-funzjonijiet attribwiti lilu. Li kieku dan ma kienx hekk, ma kien jagħmel l-ebda sens li, fid-deċiżjoni meħuda minnu, l-appellant jiddikjara li kien laqqa' lill-operatur tat-trasport pubbliku ta' dak iż-żmien u lill-istess Awtorità għat-Trasport f'Malta u għarraf lill-appellat li l-imsemmi operatur kien qiegħed jindirizza xi lmenti minn fost dawk magħmulin mill-appellat *nomine*;

30. Illi fis-sitt aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li lanqas kieku jrid ma jista' jattwa s-sentenza appellata għaliex iċ-ċirkostanzi li jsawru t-tħaddim tat-trasport pubbliku f'Malta nbidlu radikalment sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Huwa jgħid li, minħabba f'dawn iċ-ċirkostanzi, is-sentenza appellata ma tistax tiġi eżegwita;

31. Illi min-naħa tiegħu l-appellat jgħid li ma hemm xejn x'iżomm lill-appellant milli jistħarreġ l-ilmenti mressqa u jekk kienx għad fadal xi sitwazzjoni li tagħmel ħsara lill-konsumaturi;

32. Illi l-Qorti tagħraf li l-qagħda fejn jidħol it-tmexxija u t-tħaddim tat-trasport pubbliku nbidlet ħafna fiż-żmien li għadda matul is-smigħ tal-kawża, kemm qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u kif ukoll wara. Madankollu, il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-aggravju tal-appellant għar-raġuni sempliċi li, meta t-Tribunal kien talab lill-partijiet anqas minn xahar qabel ma ngħatat is-sentenza appellata jekk kemm-il darba "in vista ta' żviluppi reċenti fir-rigward tat-trasferiment tal-ishma, jew ġestjoni jew operat fi ħdan Arriva Malta Limited (u) jekk dawn l-iżviluppi kinux b'xi mod jaffettwaw it-talbiet f'din il-vertenza"[20], il-partijiet ilkoll (u allura l-appellant innifsu) qablu w iddikjaraw li t-Tribunal kellu jgħaddi għall-għoti ta' sentenza dwar il-"prinċipji regolaturi" involuti. Il-fatt li l-qagħda setgħet inbidlet ma jagħtix lill-appellant il-jedd li jinjora dak li t-Tribunal ordnalu jagħmel. Min-naħa l-oħra, jekk fl-istħarriġ li ntalab jagħmel se jsib li l-qagħda ma għadhiex tiġġustifika l-ilmenti jew xi wħud minnhom, dan jista' jikkostatah biss billi jwettaq dak li t-Tribunal ordnalu li jagħmel;

33. Illi għal dak li jirrigwarda s-seba' aggravju l-appellant iqajjem il-kwestjoni dwar jekk l-appellat kellux l-interess ġuridiku li jressaq l-appell

[20] Paġ. 208 tal-proċess

tiegħu (il-ħames eċċezzjoni). L-appellant jgħid li t-Tribunal ġabar dik l-eċċezzjoni flimkien mal-mertu u għażel li ma jagħmel l-ebda kunsiderazzjoni dwarha. Hawnhekk ukoll, l-appellant jibni l-eċċezzjoni u l-aggravju relattiv fuq l-argument tiegħu li l-liġi li kienet tgħodd għal dawk l-ilmenti kienet liġi oħra speċjali li mhijiex dik li taħtha l-appellant jista' jeżerċita setgħat jew jagħmel stħarriġ. Huwa jqis li l-fatt li l-appellat irtira l-ewwel talba tiegħu quddiem it-Tribunal huwa xiehda ta' dan in-nuqqas ta' interess;

34. Illi l-Qorti tqis li jekk dan l-aggravju jissejjes fuq l-argument li liġi oħra kienet tirregola l-ilmenti tal-appellat *nomine*, jgħoddu l-kunsiderazzjonijiet li hija għamlet aktar qabel[21]. Minbarra dan, ma jistax ikun hemm dubju li l-appellat *nomine* kellu l-interess meħtieġ biex iressaq quddiem l-appellant l-ilmenti li kienu jirrigwardaw ħwejjeġ li jinteressaw lill-konsumatur. It-Tribunal sab li dawk l-ilmenti kienu tabilħaqq siewja u jaqgħu fil-qafas tas-setgħat li l-liġi kienet tagħti lill-appellant. It-Tribunal sab ukoll li l-*Għaqda tal-Konsumatur* kellha *locus standi* dwar dawk l-ilmenti u li dan l-interess ma naqasx għaliex irrinunzjat għall-ewwel talba tagħha, li kienet talba għal rimedju urġenti provviżorju u li ma kinitx teffettwa xi waħda mit-talbiet sostantivi l-oħrajn;

35. Illi bla ma tidħol f'ħafna kunsiderazzjonijiet dwar l-elementi u n-

[21] § 29 *supra*

natura ta' x'inhu l-interess ġuridiku ta' parti f'kawża, il-Qorti ssib li l-appellat, fil-kwalità li fiha resaq quddiem l-appellant u, aktar tard, quddiem it-Tribunal kellu f'kull waqt interess attwali, legali u dirett biex iressaq l-ilmenti li tressqu u jsostnihom. L-appellant ma ressaq l-ebda prova jew argument ġdid li bih wera li dak l-interess ixxellef jew inġab fix-xejn;

36. Illi t-<u>tmien aggravju</u> tal-appellant jintrabat mat-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet tiegħu. Dawk l-eċċezzjonijiet jitkellmu dwar l-intempestività tal-appell imressaq mill-appellat u tat-talbiet tiegħu. L-appellant jgħid li l-appellat naqas li jibgħat l-ilment tiegħu fejn u meta qal li bagħtu, u mbagħad, wara ċertu żmien, bagħatlu ittra elettronika bla ma hemeż magħha d-dokumenti li suppost bagħat mal-ittra oriġinali lill-Awtorità. Minbarra dan, l-appellant jisħaq li l-appellat naqas li jissostanzja l-ilmenti tiegħu bi provi tajbin biżżejjed biex seta' jsir l-aċċertament mitlub mill-appellent. L-appellant jgħid li, fis-sentenza appellata, it-Tribunal naqas li jikkonsidra li l-miżuri intermedji mitluba mill-appellat *nomine* setgħu jitwettqu biss fil-qafas ta'proċeduri amministrattivi u żgur mhux taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta. B'żieda ma' dan, jgħid li l-għoti ta' miżuri intermedji huwa għażla fakultattiva li jista' jagħmel l-appellant u mhux marbut li, ladarba jintalbu, jagħtihom b'mod mandatorju. Biex miżuri bħal dawn jingħataw, irid ukoll jidher mad-daqqa t'għajn ("*prima facie*") li jeżistu ċ-ċirkostanzi li jingħataw, u f'dan il-każ dawk iċ-ċirkostanzi ma kinux jeżistu sewwasew għaliex kien hemm liġi

oħra li tirregola l-materja. Minbarra dan, ma kienx hemm l-ebda urġenza biex it-talba għall-għoti ta' miżuri intermedji setgħet tintlaqa'. Temm jgħid li huwa kien fil-fatt wettaq analiżi tal-fatti u minnha ħareġ li fl-imġiba tal-operatur tas-sistema tat-trasport pubbliku (Arriva Malta Limited) ma kien hemm l-ebda qerq jew ħażen għall-finijiet tal-artikolu 51Ċ tal-Att, filwaqt li t-Tribunal naqas li japprezza li l-ilmenti li l-konsumaturi bdew iqajmu fl-ewwel jiem tas-servizz tat-trasport pubbliku kienu r-riżultat tal-aġġustament tas-sistema l-ġdid u l-problemi li tabilfors iqumu meta jibda jitħaddem sistema sofistikat u ċ-ċirkostanzi li jimxu miegħu (f'dan ir-rigward semma kif, mal-ewwel jiem tat-tħaddim tas-sistema l-ġdid, għadd kbir ta' xufiera naqsu li jidħlu għax-xogħol jew irrifjutaw saħansitra li jħaddmu l-vetturi assenjati lilhom);

37. Illi l-appellat jgħid li l-appell tiegħu qatt ma seta' kien intempestiv meta l-liġi fis-seħħ dak iż-żmien kienet tagħtih ħmistax-il (15) jum żmien biex jagħmel hekk minn meta jkun laqa' n-notifika tad-deċiżjoni li minnha jrid jappella;

38. Illi l-Qorti tqis li l-aggravju ma jistħoqqlux jintlaqa' u dan għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, il-fatt li l-appellant jgħid li l-ittra u d-dokumenti mibgħuta mill-appellat *nomine* ma waslulux ma jfissirx li l-ilmenti tressqu qabel waqthom. Lanqas ma jfisser li l-appellant seta' ma tax każhom, ladarba aċċetta li jmexxi l-istħarriġ tiegħu fuq is-saħħa tal-

ittra elettronika li bagħatlu l-istess appellat. B'imġiebtu, l-appellant xejjen dik l-eċċezzjoni li qajjem huwa nnifsu. Fit-tieni lok, kif tajjeb issottometta l-appellat, ladarba l-liġi fis-seħħ dak iż-żmien kienet torbtu li jressaq appell mid-deċiżjoni tal-appellant fi żmien ħmistax-il (15) jum kurrenti min-notifika lilu tad-deċiżjoni, ma kienx sewwa li ma jressaqx l-imsemmi appell fiż-żmien preskritt u mbagħad jitlef il-qaleb u l-ġbejna. Fit-tielet lok, ladarba jidher li l-aggravju tal-appellant jinbena fuq it-talba tal-appellat għall-għoti ta' miżuri intermedji, din il-Qorti ma tistax tifhem l-aggravju tal-appellant dwar in-nuqqas min-naħa tat-Tribunal li jqis jekk dawk il-miżuri mitluba kinux jaqgħu taħt il-liġi partikolari jew jekk l-appellant kienx marbut li jagħtihom tabilfors. Dan qiegħed jingħad għaliex, sa mill-ewwel smigħ effettiv tal-appell, l-appellat kien iddikkjara li huwa kien qiegħed jirrinunzja għall-ewwel talba tiegħu – jiġifieri sewwasew it-talba li titlob l-għoti ta' miżuri intermedji. Ladarba dik it-talba kienet ċeduta ma kien hemm l-ebda ħtieġa li t-Tribunal jikkunsidraha;

39. Illi, fl-aħħarnett, il-Qorti se tgħaddi biex tqis <u>id-disa' aggravju</u> tal-appellant. F'dan l-aggravju, l-appellant jerġa' jqanqal il-kwestjoni tal-*lex specialis* u jikkoritika b'qawwa l-eżerċizzju mwettaq mit-Tribunal li jqabbel il-każ tallum ma' każ ieħor fil-qasam tat-trasport pubbliku li kien tressaq quddiem l-appellant u kien għażel li jiddelibera dwaru. L-appellant jgħid li lanqas ma jista' jsir xebh ma' każ ieħor li ssemma mill-appellat u li kien jirrigwarda żewġ operaturi fil-qasam tal-komunikazzjoni,

għaliex f'dak il-każ kienu tqajmu kwestjonijiet li tassew jolqtu klawsoli mhux ġusti ta' kummerċ li bilfors jaqgħu fis-setgħat ta' stħarriġ tiegħu;

40. Illi dwar dan l-aggravju l-appellat jirreferi għal dak li issottometta dwar il-ħames aggravju;

41. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju jerġa' jiftaħ il-kwestjoni tas-setgħat li l-appellant kien mistenni li jħaddem taħt il-liġi li waqqfitu u lill-Awtorità li jagħmel minnha. Minbarra li ttenni l-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-ħames aggravju[22], din il-Qorti żżid tgħid li t-Tribunal ma naqasx meta qies li, f'ċirkostanzi oħrajn, l-appellant qies l-ilment. Il-Qorti taċċetta li ċ-ċirkostanzi ma kinux għal kollox l-istess, imma mill-każ l-ieħor ħareġ li, fejn l-appellant kellu x-xamma ta' lment li seta' jolqot ħażin lill-konsumatur, ma qagħdax lura milli jistħarreġ u jħaddem il-liġi li tagħtih dik is-setgħa. Din il-Qorti tqis li t-Tribunal wera bla ebda dubju li l-istess kellu jagħmel l-appellant meta tressqu quddiemu l-ilmenti tal-appellat *nomine*. Din il-Qorti hija tal-istess fehma tat-Tribunal, u għalhekk ma tqisx li l-aggravju huwa tajjeb;

42. Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti ssib li l-ebda wieħed mill-aggravji mqajma mill-appellant huwa mistħoqq u b'hekk mhijiex sejra tilqa' l-appell tiegħu;

43. Illi l-appellat ma ressaq l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza

---

[22] § 29 *supra*

appellata li fiha l-Awtorità intimata nħelset milli tibqa' fil-ġudizzju. Dik il-parti tas-sentenza għalhekk se tkun konfermata, kif talab ukoll l-appellant;

***Decide:***

44. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** tad-Direttur Ġenerali intimat mis-sentenza mogħtija fis-26 ta' Frar, 2014, mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur fil-kawża fl-ismijiet premessi u b'hekk tikkonfermaha għal kollox; u

**Tordna** li d-Direttur Ġenerali appellant iħallas l-**ispejjeż** tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm